

**Brussell, 4 ta' Ġunju 2025
(OR. en)**

9598/25

**FIN 601
INST 155
PE-L 19**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 08/2025 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025 - Approvazzjoni - Approvazzjoni ta' ittra

1. Fis-26 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 08/2025, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.
2. Kif irreġistrat fid-dokument 9435/2025, l-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi ttrasferit ammont totali ta' EUR 3,77 miljun f'approprjazzjonijiet mhux differenzjati mill-Artikolu 30 01 01 (*Riżerva amministrattiva*) għall-Artikolu 20 03 17 (*L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)*) u l-Partiti 20 01 02 01 (*Remunerazzjoni u allowances — Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza*), 20 02 01 01 (*Persunal kuntrattwali*), 20 02 02 01 (*Persunal kuntrattwali*), 20 03 15 01 (*L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet*), 20 03 15 02 (*L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal*), 20 03 16 01 (*L-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Indivdwali*) u 20 03 16 03 (*Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika — Lussemburgu*).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

3. It-trasferiment qed jiġi propost sabiex isiru disponibbli l-appropriazzjonijiet li tqiegħdu fir-riżerva biex ikopru l-ħlas tal-allowance għall-akkomodazzjoni li għandha tiġi introdotta għall-persunal tal-Kummissjoni fi gradi aktar baxxi fil-Lussemburgu.

Matul it-tħejjija tal-baġit tal-2025, id-deċiżjoni li tiġi stabbilita allowance għall-akkomodazzjoni għall-persunal fi gradi aktar baxxi fil-Lussemburgu kienet għadha ma ġietx adottata u l-ammonti definiti bħala proviżorji kienu tqiegħdu fir-riżerva amministrattiva. F'konformità mal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju, dawn l-appropriazzjonijiet proviżorji għandhom jintużaw biss wara t-trasferiment tagħhom għal linja baġitarja oħra. Għalhekk, wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2025) 1584 adottata fit-18 ta' Marzu 2025 li tistabbilixxi l-allowance għall-akkomodazzjoni, l-ammonti korrispondenti huma mitluba li jiġu trasferiti għal-linji xierqa fit-Titolu 20 kif previst fir-rimarki tal-baġit tal-2025 tal-linja baġitarja 30 01 01.

4. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Ġunju 2025.

5. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:

- il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 9435/25; u
- l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS ta' din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: Il-President tal-Kunsill

lil: Il-President tal-Kummissjoni

kopja: Il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024¹, qed
ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 08/2025 fit-
Taqsimi III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025.

(Formola tal-għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).